# NOTA TA' GWIDA 3

**Suġġett:** Ordinament biex ikunu interrotti pawża jew mistrieħ ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa biex vettura titmexxa 'l quddiem f'*terminal*, f'postijiet ta' parkeġġ jew f'żoni ta' fruntiera.

**Artikolu:** L-Artikolu 4(d) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006)

**Metodu li għandu jiġi segwit:**

Ġeneralment, l-interruzzjoni ta' pawża, ta' mistrieħ ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa tikkostitiwixxi ksur (kemm-il ma tkunx tapplika "ir-regola tal-*ferry*"– l-Artikolu 9(1)) Iżda, f'*terminal* jew f'post ta' parkeġġ tista' tinqala' sitwazzjoni mhux normali bla misteni jew emerġenza fejn vettura jkun meħtieġ li titmexxa

F'*terminal* ġeneralment ikun hemm sewwieq (impjegat tat-*terminal*) li jmexxi l-vetturi, jekk ikun hemm bżonn. Jekk dan ma jkunx il-każ u l-vetturi jkollha titmexxa bilfors minħabba ċirkustanzi straordinarji, is-sewwieq jista' jinterrompi l-mistrieħ tiegħu fuq struzzjoni ta' awtorità kompetenti jew ta' uffiċjal tat-*terminal* li huma awtorizzati li jordnaw iċ-ċaqliq tal-vettura.

F'postijiet oħra (eż. f'postijiet ta' parkeġġ, fejn jaqsmu l-fruntieri u f'każi ta' emerġenza), jekk hemm raġunijiet ta' emerġenza oġġettivi li għalihom il-vettura jkollha titmexxa jew jekk il-pulizija jew awtorità oħra (eż.: uffiċjal tat-tifi tan-nar, awtoritajiet li jamministraw it-toroq, uffiċjal tad-dwana eċċ.) jordnaw iċ-ċaqliq tal-vettura, is-sewwieq għandu jinterrompi l-pawża jew il-mistreieħ għal ftit minuti u f'dak il-każ ma għandux jiġi mħarrek.

Jekk din il-ħtieġa tinqala', l-uffiċjali ta' l-infurzar ta' l-Istati Membri għandhom juru ċerta tolleranza wara valutazzjoni ta' sitwazzjoni individwali.

Interruzzjoni bħal din fil-mistrieħ jew pawża tas-sewwieq għandha tkun reġistrata manwalment mis-sewwieq u għandha, jekk possibbli, tkun awtentifikata mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu ordnaw lis-sewwieq biex imexxi l-vettura.